KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 64 Tnejn 3 ta' Settembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-8:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar -Viċi Sindku
Karl Tanti – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Joe Gatt-Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

**64.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' Gianluca Busuttil, Angele Rapa, Mario Sammut u Joe Gatt. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Busuttil, tas-Sinjura Rapa, tas-Sur Sammut u tas-Sur Gatt.

64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 63.

Ref: 63.3.6 – Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li nbiddlet id-data u Ġieħ il-Mosta 'ingħatat lil-Arċisqof fl-10 ta' Awissu 2018, flok fil-15 ta' Awwissu.

Ref: 63.4.7 – Il-Kunsillier Deguara nforma li l-*bus stop* li jinsab fi Vjal Indipendenza jismu Indipendenza.

Ref: 63.5.1 – Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li saret fit-23 ta' Awwissu, żaru wkoll Tigne.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 63.

## 64.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 64.3.1 Kommunikazzjoni – Laqgħa ma Transport Malta

Is-Sindku nforma li kellu laqgħa illum ma Transport Malta fejn ġie diskuss il-*parking* ta' Quddiem il-Mellows. Is-Sindku fakkar li konna tlabna biex titneħħa *bus bay* minn tnejn peress li dawn kienu għal-*bendy buses,* u jsiru żewġ *timed parking bays* u oħra għal-persuni b'diżabilita. Transport Malta nfurmaw li jista jsir biss *un/loading bay*, peress li tal-linja xorta jkollom bżonn l-ispazju biex jidħlu u joħorġu mil-*bus bay*.
Is-Sindku nforma li ħa jsiru l-pjanti mil-ġdid imbagħad nkunu nistaw nimplimentaw il-linji l-ġodda.

Is-Sindku nforma li tkellem wkoll dwar il-*bollards* u *zebra crossing* ta' quddiem ir-ROCS, peress li mhux l-ewwel darba li tal-linja jiġbdu magħhom dawn il-*bollards*. Għalhekk ħa ssir tabella ta' *no left turn* għal-vetturi twal, bħal-*coaches, hop-on* u *hop-off buses,* u tal-linja, fejn dawn jridu duru mal-monument ta' l-iljun.

Rigward iż-*zebra crossing* din hija ta' periklu peress li qegħda wisq fil-kantuniera kif ddur, u għalhekk din wkoll Transport Malta approvaw li titla ftit iktar l-fuq fejn hemm l-ewwel *parking bay*, fejn is-sigurta tal-pubbliku tiġi qabel il-konvenjenza. Ħa jiżdiedu wkoll il-*bollards* bil-katina għas-sigurta tal-pubbliku.

### 64.3.2 Kommunikazzjoni – KLMT/02/2015 Terminazzjoni tal-Kuntratt

Is-Sindku nforma li tkellimna mad-DLG fuq il-problema li għandna mal-kuntrattur tal-Parks and Gardens, fejn bil-kemm qed jsir xogħol, u spiċċajna fejn bl-ammont ta' *default notices* li ħriġna minħabba xogħol li mhux jsir, qegħdin f-sitwazzjoni li l-kuntrattur għandu jtina u mhux aħna ntuħ.

Għalhekk fuq parir tad-Dipartiment nistaw nkeċċu lil-kuntrattur u noħorġu sejħa għal-kwotazzjonijiet għal-servizz ta' xahrejn peress li mhux ħa naqbżu l-ammont ta' 5,000 Ewro. Fil-fratemp qegħdin naħdmu fuq *tender* għal-Parks and Gardens biex jinħareġ mil-aktar fis.

Il-Kuntrattur preżenti hekk kif jitolbu r-regolamenti tal-kuntratt ġie nfurmat bit-terminazzjoni li tidħol fis-seħħ fit-30 ta' Settembru 2018.

### 64.3.3 Kommunikazzjoni – Performance Appraisal Form probation period

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li mpejgata tal-Kunsill leħqet il-livell neċessarju, u għalhekk għaddiet miż-żmien ta' perjodu ta' prova.

### 64.3.4 Kommunikazzjoni - Collaboration Agreement

Is-Sindku nforma li ħa jiġi ffirmat *collaboration agreement* fit-12 ta' Settembru 2018 mal-Heritage Malta, fejn ħa nkunu nistaw noffru servizz ta' bejgħ ta' biljetti ta' mużewijiet, u positjiet storiċi oħra li jaqaw taħt il-kappa ta' Heritage Malta. Ta' dan is-servizz li nkunu qed noffru Heritage Malta ħa tgħati lil-Kunsill 20% bħala *fee* amministrattiva, għal-biljetti li jinbiegħu mil-Kunsill.

### 64.3.5 Kommunikazzjoni – Pubblikazzjoni tat-Tender tal-Christmas Lights

Is-Sindku nforma li dan it-tender ser jiġi ppublikat fl-4 ta' Settembru 2018.

### 64.3.6 Korrispondenza – laqgħa fuq PA 05976/18 u azzjoni li trid tittieħed

Is-Sindku nforma li fi Triq Patri Ġuże Delia, fejn hemm il-garaxxijiet, hemm applikazzjoni ta' bini b'żewġ *dwellings, basement* u *pools.* Saret laqgħa bejn ir-residenti fejn għamlu petizzjoni u ġabru firem biex joġġezzjonaw għal-bini fl-istess triq, u skond resident kiteb li anke Din l-Art Ħelwa u l-ERA oġġezzjonaw wkoll.

Is-Sindku nforma li se jiġu ċċirkulati id-dokumenti kolla, biex il-Kunsilliera jibgħatu l-kummenti tagħhom sa mhux iktar tard mis-6 ta' Settembru 2018, peress li l-*objections* jridu jaslu lil-Bord ta' l-Ippjanar sa mhux aktar tard mil-10 ta' Settembru 2018.

### 64.3.7 Korrispondenza – ilment dwar garaxx privat li ma jintuzax

Is-Sindku nforma li l-Perit ta' Transport Malta infurmana li din il-bankina ma tistax tintuża u għanda tittranġa peress li mhux skond l-istandard rekwisit.

## 64.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 64.4.1 Tifkira għal-Mosta Bażilika

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar it-Tintinnabru.
Is-Sindku nforma li tkellem ma l-Arċipriet, pero' d-diskussjonijiet għadhom ma b'dewx. Kif jkun hemm iktar dettalji s-Sindku ħa jikkomunika mal-Kunsilliera.

### 64.4.2 Public Toilets

Il-Kunsillier Borg staqsa f'hiex wasal il-proġett tal-*public toilets.*
Is-Sindku nforma li għanda l-approvazzjoni mil-Lands, il-pjanti ffinalizzati u qed nistennew il-permess, u qegħdin fl-istadju li jinħadem id-dokument tat-*tender.*

Is-Sindku nforma wkoll li din il-ġimgħa ħa jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill, fejn ħa jiddiskuti wkoll Triq il-Ġnejna, fejn kellu jsir il-wiċċ tat-triq kif wkoll il-*culverts.* Is-Sindku nforma wkoll li min analiżi li saret mil-WSC biex jsiru il-*culverts* fi Triq il-Ġnejna, rridu nqattaw l-isfel ħafna peress li hemm is-servizzi fil-wiċċ. Aparti min hekk biex nqabbdu mal-*culverts* ta' Triq il-Kbira, din ħa tkun problema għax dawn qegħdin il-fuq, u għalhekk bħala livelli ma jistawx jkunu konnessi ma xulxin.

### 64.4.3 Proġetti ta' sqaqien

Il-Kunsillier Tanti staqsa dwar f'hiex waslu l-proġetti ta' sqaqien oħrajn ta' Triq Dun Mikiel Xerri, Triq Charles J. Vassallo, Sqaq Nru. 1 San Anton Abbati u Sqaq Xorxa, barra dik ta' Triq il-Ġnejna. Is-Sindku nforma ħa jirsisti mal-Perit tal-Kunsill biex inmexxu fuq dawn il-proġetti wkoll. Dawn bejniethom għandhom jiswew bejn 400,000 u 450,000 Ewro.

### 64.4.4 Traffiku fil-madwar tal-PAMA

Il-Kunsillier Tanti talab lis-Sindku biex jekk jista jkun il-laqgħa li jmis ma Transport Malta jiġi diskuss it-traffiku li qed jinħoloq fi-Triq Valletta minħabba vetturi li jkunu deħlin u ħerġin mill l-istabiliment tal-PAMA.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinbgħat *email* lil-uffiċjal ta' Transport Malta, biex fil-laqgħa li jmiss tat-*traffic control committee* din l-*issue* tkun fuq l-aġenda.

### 64.4.5 Tappiera fi Triq il-Paroċċa

Il-Kunsilliera Bonnici ħa tibgħat dettalji ta' resident ieħor li kellu jkisser il-madum, minħabba tappira li ġiet mirduma meta l-Kunsill kien għamel din it-triq.

### 64.4.6 Karretti taż-żibel

Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex ninfurmaw lil-kuntrattur tal-knis biex il-karetti taż-żibel ma jitħallewx fejn il-bandli. Is-Sindku nforma li diġa kellem lil-kuntrattur.

### 64.4.7 Ġnien il-Vitmi tal-Gwerra

Il-Kunsillier Deguara nforma li wasallu lment fuq Ġnien il-Vittmi tal-Gwerra għax hemm l-iskart biex jinġabar u jitnaddaf, u forsi ngħidu lil-*handyman* tal-Kunsill biex jdur u ssir il-manutenzjoni fuq il-bankijiet.

Is-Sindku nforma li m'hemx ġnien b'dan l-isem ġewwa l-Mosta. Il-Kunsillier Deguara nforma li fil-fatt u qatt ma sema biħ.

Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li dan il-ġnien jinsab fi Triq il-Pont kantuniera ma Triq Wied il-Għasel.

### 64.4.8 Traffic Lights

Il-Kunsillier Deguara nforma li t-*traffic lights* fejn ir-*roundabout* tal-Musrun, mhux il-ħin kollu jaħdmu. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li sa dal-għodu kieu qed jaħdmu.

### 64.4.9 Arbuxelli

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk arbuxelli ma djar privati għandux x'jaqsam magħhom il-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li arbuxelli li ħerġin min go dar privata għal-fuq il-bankina, dawn jiġu pubbliċi, u jistaw jiġu miżburin mil-Kunsill.
Il-proċedura hija li l-ewwel tintbgħat ittra lir-resident biex jiżbor u jżomm is-siġra u/jew pjanta fil-proprjeta tiegħu/tagħha. Jittieħdu passi biex jiżbor il-Kunsill jekk ir-resident ma jikkonformax.

### 64.4.10 Vjal il-Qalbiena Mostin

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk il-Kunsill jistax jgħamel xi ħaġa peress li djar fi Triq il-Qalbiena Mostin m'humiex numerati.

Is-Sindku nforma li hemm il-kumitat tad-*door numbering* li jgħamel parti mil-uffiċju elettorali, fejn ir-residenti jistaw huma wkoll, aparti l-Kunsill għan-nom tar-residenti, jressaq talba lilhom biex jsir in-numerar tal-bibien.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat *email* lil-kumitat tad-*door numbering.*

### 64.4.11 Ħarġa tal-Kunsill

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li saret attendew 43 persuna, u l-ħarġa li jmiss ħa ssir il-Palazz ta' San Anton fis-27 ta' Settembru.

### 64.4.12 Ġemellaġġ Milbrae

Il-Kunsillier Deguara nforma li ltaqa' mal-Konslu Ġenerali fil-11 ta' Awwissu, u hemm ċans tiġi delegazzjoni l-Milbrae Cities Commission ta' San Francisco mis-17 sad-29 ta' April 2019. Il-Kunsillier Deguara qal li marru jiċċekjaw u jġibu kwotazzjonijiet dwar spejjes ta' *flights* u akkomodazzjoni, u qed jaħdmu biex jfasslu programm għal meta tiġi d-delegazzjoni.

Is-Sindku staqsa min ser jġorr lis-spejjes, u l-Kunsillier Deguara kkonferma li spejjes huma kollha għalihom. Il-Kunsill ħa jgħin billi nistidnuhom għal-ikla.

### 64.4.13 Scaffolding

Il-Kunsillier Tanti nforma li hemm *scaffolding* fi Triq Sta. Maria li ntrama f'nofs il-bankina, u *pushchair* jew xi ħadd b'*wheelchair* żgur ma jgħaddiex. Il-Kunsillier Tanti talab biex nibgħatu lil-*handyman* tal-Kunsill jiċċekja jekk tħalliex spazju biżżejjed.

## 64.5 Rapporti

### 64.5.1 Update – Sejħa għall-post ta' Skrivan/a Skala 15

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil żewġ membri tal-bord, li hemm bżonn tinftiehem data biex jsiru l-*interviews*. Il-Viċi Sindku Cassar nforma li bħalissa għaddej min żmien impenjattiv ħafna u ma jistax jikkometti ruħu, u għalhekk ċeda postu lil Kunsillier Tanti biex jkun parti mil-bord ta' l-*interviews*, għal-post ta' skrivan/a skala 15.
Il-Kunsillier Tanti aċċetta, u l-*interviews* ħa jsiru fil-ġimgħa ta' bejn l-10 u it-12 ta' Settembru fis-7:00 ta' filgħaxija.

### 64.5.2 Proġett ta' Luminairs

Is-Sindku nforma li 45,000 Ewro mid-Development Fund ġew approvati biex jsiru *luminaires.*

### 64.5.3 Tħejjijiet għall-Jum il-Mosta u Festa Qaragħasel 2018

Is-Sindku nforma li qed nkomplu naħdmu fuq l-avvenimenti ta' Festa Qargħasel u Jum il-Mosta, fejn ftit mil-inviti diġa ntbgħatu u li fadal ħa jintbgħatu għada. Il-*video clips* daqt jibdew jingħaqdu, u nittamaw li din is-sena jkunu wkoll ta' suċċess.

Il-Kunsillier Tanti nforma li l-preparamenti mexjin tajjeb, kif wkoll il-loġistika u *marketing* għal-dan l-avveniment. L'unika intopp huwa li għadna ma sibniex *entertainment* li jiġbed il-pubbliku, peress li l-band *The Travellers* ħa jkolla żewġ membri mil-band li ħa jkunu msiefrin, *band* oħra li kkuntatjatna talbu prezz li għal-Kunsill huwa għali. Il-Kunsillier Tanti nforma li qed jgħamel kuntatt ma żewġ *bands* oħra *Red Electric* u *Airport Impressions* u qed nistennew risposta.

Il-Kunsillier Borg issuġerixxa li nikkuntatjaw lil-*band* X-Tend, li huwa grupp tajjeb ħafna peress li ipruvaħħom reċentement u kienu fenomenali.

Is-Sindku nforma li dak in-nhar ta' Festa Qargħasel ħa jkun hemm Rockestra li taf tkun daqqa ta' ħarta minħabba li jista jkollna nuqqas ta' attendenza. Is-Sindku nforma lil-membri preżenti li l-*budget* ta' 12,000 Ewro ħa jinqabeż, pero' qegħdin tajjeb għax sa l-aħħar tas-sena fadlilna 33,000 Ewro x'jintefqu f'attivitajiet, u għalhekk nifilħu nonfqu xi ħaġa 'iktar.

**64.5.4 Nominazzjonijiet għall-Għoti ta' L-Onorefiċenzi u Rikonoxximenti ta' Ġieħ il-Mosta**

Is-Sindku nforma li rċevejna l'applikazjonijiet u hemm tlettax il-nominazzjoni.
Is-Sindku qara' n-nominazzjonijiet u ta' *brief* tan-nies li ġew nominati, u stieden lil-Kunsilliera biex jivvutaw u jimmarkaw fejn l-isem ta' dawk in-nominati.

Il-Kunsilliera vvutaw u ngħaddew il-voti.

Il-Kunsilliera qablu li peress li wieħed min nominati ma ġabx biżejjed voti, ħa jingħata rikkonoxximent flok Ġieħ il-Mosta. Nominazzjoni waħda ma ġietx aċċettata peress li l'applikazzjoni mhux kompluta u għalhekk mhux ikkonsidrata bħala valida.

**64.5.5 Pubblikazzjoni tat-Tenders**

**64.5.5.1 KLM T02-2018 Road Maintenace of Access and Access Only Roads and ancillary works -Mosta Local Council**

Is-Sindku nforma li ġie ppublikat it-tender ta' *Road Maintenace of Access and Access Only Roads and ancillary works.*

**64.5.5.2 KLM T03-2018- Street sweeping Services in the Locality of Mosta, Using Environmentally Friendly Service Vehicle**

Is-Sindku nforma li ġie ppublikat it-tender *Street sweeping Services in the Locality of Mosta, Using Environmentally Friendly Service Vehicle.*

**64.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**64.6.1 Skeda ta' pagamenti**

L-iskeda ta' pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**64.6.2 Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**64.6.3 Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**64.6.4 Petty Cash**

Il-petty cash ta' Lulju u ta' Awwissu 2018 ġew diskussi u approvati unanimament.

**64.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-8 ta' Ottubru 2018 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 3 ta' Settembru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |